MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-22 ta' April, 2003

Talba Numru. 2152/2002

**Atlas Insurance Agency Limited bhala Rapprezentanti tas'socjeta estera AXA Insurance plc, surrogate fid-drittijiet tal-Assikurat taghha Mario Agius u l-istess Mario Agius**

**Vs**

**Anna Ciscaldi**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' tlett mija u disgha liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm309.72), rizarciment ta' danni konsegwenza ta' l-incident tat-traffiku li sehh fl-Msida fit-2 ta' Mejju 2002, meta waqt li l-konvenuta kienet qeghda tirriversja l-vettura numru JBE 016 habtet mal-vettura Numru GAO 927 propjeta ta' l-attur Mario Agius li kienet ipparkjata u ghal liema incident tahti unikament il-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha kkontestat ir-responsabbilta ghall-incident u dan peress li skond hi ma sehhet l-ebda habta bejn il-vettura misjuqa minnha u dik ta' l-attur Mario Agius.

Semgha x-xhieda.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. Il-fatti rilevanti ghall-kaz huma s-segwenti:

(a) L-attur huwa propjetarju tal-vettura bin-numru GAO 927. Fit-2 ta' Mejju 2002 din il-vettura kienet ipparkjata quddiem l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Msida.

(b) Il-kontendenti ghandhom tifel. Fil-hin meta sehh l-allegat incident hija kienet ghadha kif twassal lil binha quddiem l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Msida fejn kien qieghed jistennih l-attur. Il-konvenuta kienet qeghda ssuq il-vettura bin-numru JBE 016.

(c) Bejn il-kontendenti jinqalghu incidenti kontinwi. Tant hu hekk li s-surgent John Micallef xehed: *"lil dawn il-partijiet nafhom peress li jinqalghu kwistjonijiet kontinwi bejniethom u diehlin u hergin mill-Ghassa jaghmlu rapporti"* (seduta tat-12 ta' Frar 2003).

(d) Il-hsara fil-vettura ta' l-attur hija fuq quddiem (ara ritratti a fol. 15). Fl-okkorrenza tal-pulizija li nvestiga l-kaz jinghad li meta saret spezzjoni fuq il-vettura tal-konvenuta *"it was noted that she had* ***damaged rear lights*** *that she was unaware of"* [fol. 14].

(e) Il-partijiet imlew il-formola tal-*bumper to bumper* (fol. 20). Ghall-ewwel il-konvenuta rrifjutat li timla l-formola ghaliex kkontestat l-allegazzjoni li ghamel l-attur fis-sens li rriversjat il-vettura ghal fuq dik ta' l-attur. Kien biss fuq l-

insistenza tal-pulizija li mliet il-formola u ddikjarat ***“did not collide in incident indicated”***.

(f) Ma kien hemm l-ebda xhud okulari indipendenti ghal dan l-allegat incident.

(g) Il-hsara fil-vettura ta’ l-attur kienu fil-*bumper*, bonnet, xibka u l-fanal (li skond l-attur bid-daqqa nqala’ minn postu), u anke r-*radiator* (ara *survey report* a fol. 16).

2. Il-partijiet taw verzjonijiet ghal kollox kontrastanti:-

(a) **L-attur** iddikjara li waqt li l-vettura tieghu kienet ipparkjata quddiem l-Ghassa tal-Pulizija, waslet il-konvenuta u pparkjat il-vettura taghha quddiem tieghu. Dak il-hin huwa kien qieghed jistenna fil-bieb ta’ l-Ghassa. F’hin minnhom irriversjat u baqghet diehla fuq il-vettura tieghu. Dan wara li skond hu qal lill-konvenuta sabiex tidhol fl-Ghassa u r-rejazzjoni taghha kienet li offenditu u rriversjat ghal fuq il-karrozza tieghu.

(b) **Il-konvenuta** iddikjarat li hija ma pparkjatx quddiem il-vettura ta’ l-attur. Anzi tghid li l-vettura waqfitha thares fid-direzzjoni ta’ l-Msida filwaqt li dik ta’ l-attur kienet qeghda thares fid-direzzjoni tal-Gzira.

3. Huwa maghruf li min jallega jrid jipprova. Mill-assjem tal-provi m’huwiex moralment konvint li l-konvenuta kkagunat xi hsara fuq il-vettura ta’ l-attur. Ta’ rilevanza huwa l-fatt li:-

(a) L-ufficjal tal-pulzija li nvestiga l-kaz xehed:- *“qieghed nigi muri d-dokument a fol 15 u jiena ma jidhirlix illi rajt daqqa ta’ dak it-tip meta jiena hrigt mill-Ghassa tal-Pulizija fit-2 ta’ Mejju 2000”*. Xehed ukoll li: *“jiena ma rajtx tifrik mal-art”*.

(b) Il-hsara fuq il-vettura ta’ l-attur hija fuq quddiem min-nofs ghax-xellug. Min-naha l-ohra l-hsara fuq il-vettura tal-konvenuta hija fuq wara n-naha tax-xufier [parti mill-fanal imkisser]. Jekk kif xehed l-attur il-konvenuta pparkjat quddiemu u wara rriversjat ghal fuq il-

vettura tieghu l-hsara fil-vettura taghha kellha tkun fuq in-naha tax-xellug jew ghall-grazzja ta' l-argument fuq il-parti kollha ta' wara tal-vettura.

(c) Il-hsarat fuq il-vettura ta' l-attur m'humiex ftit. Mhux l-istess jinghad fir-rigward tal-vettura tal-konvenuta.

(d) Huwa minnu li l-partijiet kien qieghed ikollhom incident kontinwi bejniethom, pero' dak il-hin ma jidhirx li kien inqala' xi haga li seta' jwassal lill-konvenuta biex tirrejagixxi u tirriversja ghal fuq il-vettura tal-attur, kif ipprova jaghti x'jifhem l-attur fil-kors tax-xhieda tieghu.

4. Fatturi li kollha joholqu dubju f'mohh it-Tribunal, biex b'hekk m'huwiex f'posizzjoni li jemmen verzjoni ghas-skapitu ta' l-ohra. Fic-cirkostanzi t-Tribunal m'ghandux triq ohra ghajr jikkonkludi li min allega [l-attur] u min allura kellu l-oneru tal-prova, ma ssodisfax il-prova. Inoltre, ghalkemm l-avukat difensur ta' l-attur argument li l-verzjoni tal-patrocinat tieghu hija iktar kredibbli u sahansitra ghamel rapport dak il-hin stess, wiehed ma jridx jinsa kif mill-provi rrizulta li l-partijiet huma ppikati ma' xulxin tant li s-surgent tal-pulizija xehed li dehlin u hergin mill-Ghassa tal-Pulizija jaghmlu rapporti kontra xulxin.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jichad it-talba ta' l-attur, spejjez kontra tieghu.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------